



Brussell, 15 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7938/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0409(NLE)

FRONT 133
COWEB 59

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Fis-7 ta' Marzu 2017 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja.
2. L-għan tal-ftehim dwar l-istatus, fuq il-bażi tal-Artikolu 54(3)-(4) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta¹, huwa li jagħti s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li tikkoordina l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. F'dak ir-rigward, l-Aġenzija tista' twettaq azzjonijiet fil-fruntieri esterni li jinvolve Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz li jkun ġar ta' mill-anqas wieħed minn dawk l-Istati Membri, dejjem jekk il-pajjiż ġar jaqbel dwar dan, inkluż fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

¹ Ġ.U. 16.9.2016, L 251/1.

Skont l-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624, f'każijiet fejn huwa mistenni li t-timijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ser ikunu stazzjonati f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ser ikollhom setgħat eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jeħtieġu dan, irid jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz konċernat.

3. L-abbozz ta' ftehim dwar l-istatus ġie inizjalat mill-Kummissjoni u s-Serbja fl-20 ta' Settembru 2018. Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim dwar l-istatus². Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar il-proposti fil-11 ta' Jannar 2018 fuq il-bażi ta' proċedura ta' silenzju.
4. Fid-19 ta' Marzu 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/400 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja. Fl-istess data, l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni ntbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
5. Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-UE u r-Repubblika tas-Serbja ġie ffirmat f'Belgrad fit-18 ta' Novembru 2019 mis-Serbja, u fi Skopje fid-19 ta' Novembru 2019 mill-Unjoni Ewropea.
6. Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim tista' tiġi adottata.

² 15496/18+ADD1 u 15486/18 + ADD1, sostitwiti mid-dokumenti 5284/19 u 5285/19 li nħarġu sabiex tiġi indirizzata inkonsistenza teknika fit-test tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-istatus u d-delimitazzjoni tat-territorji, sabiex tiġi żgurata konsistenza mat-test maqbul preċedement mid-delegazzjonijiet.

1. Kellha tinħareġ verżjoni riveduta tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni (15581/1/18 REV 1) sabiex tirrifletti l-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
2. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE³; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
3. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 15581/1/18 REV 1 iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti, u
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.
11. It-test tad-Deċiżjoni ta' hawn fuq ser jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).